# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 1 5 4

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2918/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Reuben Zammit**

**vs**

**Kunsill Lokali Naxxar**

**dwar allegazjoni ta' trattament diskriminatorju**

Illum 29 ta' Mejju 2012

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'rikors ta' Reuben Zammitipprezentat fir-Registru tal-Qorti fl-4 ta' Mejju 2011 tramite l-avukat Dottor Joanne Vella Cuschieri. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li s-smiegh tax-xhieda ha fit-tul.

**Dikjarazzjonijiet**

Ir-Rikorrent jghid li huwa kien issottometta applikazzjoni mal-Kunsill Lokali tan-Naxxar ghall-post ta' 'assistant principal officer'. Il-Kunsill baghat ghalih ghal intervista fit-23 ta' Marzu 2011. Jghid li dakinhar wiehed mill-panel tal-ghazla kien staqsih kemm ghandu zmien, u meta huwa rrifjuta li jaghmel dan, il-kumplament tal-panel haduha kontrih. Jghid li ghalkemm il-panel baqa' jinsisti li huwa kellu jaghti l-eta` tieghu, huwa m'ghamilx dan ghaliex f'kors li ha mill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u t-Tahrig kien gie struwit biex ma jaghtix

dettalji personali, anqas l-eta` tieghu. Il-panel insista li jinghata risposta ghaliex b'hekk ikun jista' jikkumpara l-livell ta' maturita`. Jghid li dan l-agir tal-Kunsill kien bi ksur tal-artikolu 26(1)(a) tal Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprojbixxi diskriminazzjoni fi stadju ta' ghazla ta' applikanti ghal impieg. Jghid li f'intervisti simili li jghodd hija l-esperjenza tal-persuna u mhux l-eta` jew l'hekk imsejha 'maturita'. Jghid li huwa talab rimedju izda l-Kunsill irrisponda li ma kien ghamel xejn hazin. Ir-rikorrent talab li jigi dikjarat li l-Kunsill intimat kien hati ta' diskriminazzjoni fil-konfront tieghu; u li jinghata rimedju li jinkludi hlas ta' kumpens gust.

Il-Kunsill Lokali intimat ipprezenta d-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu fis-6 ta' Gunju 2011, fejn inghad li mhuwiex kontestat li r-rikorrent issottometta applikazzjoni, li gie msejjah ghal intervista, u li wiehed mill-membri tal-panel staqsa lir-rikorrent l-eta` tieghu. Madankollu gie kontestat kemm li l-membri tal-panel baqghu jinsistu li r-rikorrent jaghti l-eta` tieghu kif ukoll li dawn haduha kontrih ghax ma rrispondihomx. Qed jigi michud ukoll li xi hadd mill-membri tal-panel qal li l-mistoqsija dwar l-eta` saret biex tigi kkumparata l-livell ta' maturita`. Jinghad li r-rikorrent ma ntghazilx ghall-kariga minhabba li ma kienx l-aqwa kandidat ghax-xoghol in kwistjoni fost in-nies li applikaw, u l-kwistjoni tal-eta` tieghu ma kellha xejn x'taqsam fl-ghazla. Addizzjonalment il-Kunsill intimat jissofferma li huwa ma ddiskrimina bl-ebda mod kontra r-rikorrent abbazi tal-eta` tieghu, u li dan ma ntaghzilx ghax-xoghol in kwistjoni minhaba li ma kinex l-aktar kandidat kwalifikat sabiex jimla l-vacancy in kwistjoni; finalment jinghad bla pregudizzju ghal li intqal qabel, li jekk is-semplici mistoqsija minn membru tal-panel tammonta ghal diskriminazzjoni, il-kumpens m'ghandux ikun ghajr ta' natura nominali ghaliex xorta r-rikorrent ma kienx l-ahjar kandidat u ma kienx ser jintaghzel.

**<u>Il-Provi migjuba</u>**

Ir-Rikorrent xehed li kien applika ghall-pozizzjoni ta' assistant principal officer wara li ra avvizz f'gazzetta; baghtu ghalih ghal interview, u gie intervistat minn

panel ta' xi 6 jew 7 minn nies. Jghid li lejn l-ahhar tal-intervista s-sur Paul Gatt, li kien prezenti waqt din ix-xhieda, talbu d-data tat-twelid tieghu peress li ma kinitx imnizzla fil-*curriculum vitae* li baghatilhom. Jghid li dan kien ghamlu apposta fuq parir tal-ETC biex jaccerta li ma ssirx diskrininazzjoni a bazi ta' eta'. Jghid li dan Gatt baqa' jinsisti ghad-data tat-twelid sa ma fl-ahhar waqqfitu s-Sindku li qaltlu li ma kienx ser ikun hemm bzonn dik id-data. Malli s-sindku waqqfitu, s-sur Gatt spjega li din id-data talabha sabiex ikun jista' jigi kkumparat il-livell ta' maturita`. Jghid li l-intervista lestiha kollha, imma imbaghad baghat ittra biex jipprotesta dwar dan l-atteggament; il-Kunsill baghtlu ittra lura fejn cahad li ghamel xi nuqqas, u sussegwentement baghatlu ittra biex jinfurmah li ma ntaghzilx. Jghid li huwa ghandu Bacellerat fil-lingwa Ingliza u Masters fl-Ingliz u letteratura.

Il-Kunsill intimat ressaq lil Pierre Sciberras li huwa l-vici-sindku. Jghid li harget sejha ghal applikazzjonijiet ghal assistanat principal u ghall-intervista gew xi applikanti fosthom ir-rikorrent. Jghid li s-Segretarju Ezekuttiv Paul Gatt staqsa lir-rikorrent kemm ghandu zmien, u dan irrifjuta li jaghti din l-informazzjoni, izda imbaghad is-sindku indikat li din l-informazzjoi ma kinitx importanti u li setghu jghaddu minghajrha. Dakinhar stess il-panel iddiskuta l-applikanti li gew intervistati, u qablu li kien hemm persuna wahda partikolari li kienet tidher adattata, u li ma kinitx ir-rikorrent. Huma imbaghad irrikmandaw lil din il-persuna quddiem il-Kunsill, ghax din kienet kwalifikata fil-Management u kellha esperjenza fuq progetti tal-Unjoni Ewropea. Dwar l-etajiet tal-applikanti l-ohra jghid li dawn indikaw l-eta` taghhom minn jeddhom fl-applikazzjoni taghhom. Il-Kunsillier David Bonello jghid li kien hu li ppropona li tigi impjegata persuna li trid tkun kapaci kemm fil-management kif ukoll f'applikazzjonijiet ghal fondi mill-Unjoni Ewropea. Jghid li huwa kien fuq il-panel tal-ghazla u li bhal ma kien il-kaz ta' applikanti ohra, ir-rikorrent ma deherx li kien kwalifikat biex jiehu dawn ix-xogholijiet. Jghid li l-kwistjoni tal-eta` ma gietx diskussa mill-panel la f'dan il-kaz u anqas fil-kazijiet precedent meta l-Kunsill ried jimpjega nies ohrajn. Jghid li malli r-rikorrent hareg il-barra huwa staqsa lis-segretarju jekk kienx ghamel dik il-mistoqsija

ghaliex ir-rikorrent ma kitibx in-numru tal-karta tal-identita`, u dan irrispondih li haseb li d-data tat-twelid ma tnizzlitx bi zvista; jghid li huwa kkummenta li kienet ovvja li din thalliet barra apposta, u kollox waqaf hemm. Dwar l-ittra lir-rikorrent li huwa ma ntghazilx jispjega li ghalkemm il-panel kien iddecieda dakinhar stess fuq min kien l-ahjar applikant, id-decizjoni finali kellu jehodha l-kunsill, li jiltaqa' madwar darba f'xahar.

Is-sindku Maria Deguara tghid li veru s-segretarju kien talab lir-rikorrent itih l-eta` tieghu propju wara li tlestiet l-intervista, izda malli semghet lir-rikorrent jghid li ma xtaqx jizvela l-eta` tieghu minhabba biza' ta' diskriminazzjoni, u dan fuq parir li inghata mill-ETC, hija interveniet u qalet li l-eta` ma kinitx importanti ghax li jinteressahom kien li l-persuna tkun kapaci fil-management. Tghid li r-rikorrent ikklassifika t-tieni fl-intervista, imma min gie l-ewwel kien proprju kwalifikat fil-management. Imbaghad il-Kunsill kien accetta u ingagga din il-persuna. Hija esebiet rapport bil-kummenti li saru dwar kull applikant li gie intervistat (folio 36-37). Din ix-xhud tichad li s-segretarju kkummenta li bl-eta` wiehed ikun jista' jikkumpara l-maturita`. Is-segretarju Paul Gatt xhed b'affidavit, u spjega l-procedura adottata, u li wara l-intervisti l-panel kollu qabel fuq persuna wahda biex tigi rakkomandata lill-Kunsill, minkejja li kellha biss xi 22 sena. Jghid li r-rikorrent kien kwalifikat f'affarijiet inqas relevanti ghal dak li ried il-kunsill. Esebixxa dokumenti li jiggwidaw lill-kunsilli fl-ghazla ta' impjegati taghhom, li anke jaghmlu referenza ghall-eta` ta' min japplika. In kontro-ezami dan ix-xhud insista li huwa staqsa l-eta` tar-rikorrent darba biss.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Ghandu jinghad mill-ewwel, li bhal ma gie kjarifikat bil-verbal tal-24 t'April 2012 "ir-rikorrent mhux jilmenta minn diskriminazzjoni fl-ingagg tal-ufficjal li kien necessarju ghall-kunsill intimat, izda l-ilment tieghu hu dwar li fl-intervista per se ir-rikorrent gie assoggetat ghal domanda diskriminatorja."

Din id-distinzjoni maghmua mill-abbli konsulent legali tar-rikorrent hija wahda valida u timmerita approfondiment. Fit-trattazzjoni finali, l-abbli konsulent legali tal-Kunsill intimat issottometta li r-rikorrent ma ntghazilx ghall-pozizzjoni ta' assistant principal officer sempliciment ghaliex kien hemm kandidat iehor partikolari li kellu kwalifici ahjar, ghal dak li kellu bzonn il-Kunsill. Il-provi prodotti ukoll juru li certu John Attard Montalto kellu kwalitajiet li kkonvicew lil kull membru tal-panel selettiv li huwa kien ideali biex jiehu l-kariga li kien hemm vakanti. Dan ifisser li hemm qbil li ma kienx hemm diskriminazzjoni fl-ghazla. Issa l-ilment tar-rikorrent hu li huwa gie assoggettat ghal trattament diskriminatorju waqt l-intervista. Dan l-argument kien iregi kieku din l-informazzjoni intalbet minn ghand ir-rikorrenti biss u l-Kunsill ma kienx jaf x'eta' ghandhom l-applikanti l-ohra. Dan l-argument kien iregi wkoll kieku l-panel selettiv baqa' jinsisti li tinghata din l-informazzjoni. Dan it-Tribunal huwa propens li jemmen il-verzjoni tar-rikorrent li s-segretarju ezekuttiv insista, forsi bit-tieni rikjesta, li r-rikorrent jaghti din l-informazzjoni dwar l-eta` tieghu, u dan sew ghaliex l-istess segretarju jghid li r-rikorrent spicca juza ton li jxaqleb lejn l-aggressiv, u sew ghaliex irrizulta li kellha tintervjeni s-sindku biex ma jkunx hemm insistenza fuq din id-domanda. Obiter, dan itTribunal jinnota li l-eta` tista' taghti indikazzjonijiet fuq persuna oltre l-kwalitajiet akkademici u l-esperjenza fix-xoghol, imma fi kwalunkwe kaz li huwa mportanti hawn hu li l-insistenza ghal risposta giet minn persuna wahda biss, li wahedha ma tirrapprezentax lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Il-Kunsill mexa sew ghax waqqaf id-diskussjoni. Jidher li l-Kunsill accetta l-ispjega li ta r-rikorrent, u ma jirrizultax li n-nuqqas tar-rikorrent milli jwiegeb ghad-domanda dwar l-eta` tieghu influwenzat negattivament lill-membri l-ohra tal-panel. Ghalhekk l-ilment tar-rikorrent ma jirrizultax li gie ppruvat.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddeciedi u jiddikjara li ma jirrizultax li l-Kunsill Lokali tan-Naxxar

assoggetta lir-rikorrent ghal trattament diskriminatorju kif provdut fil-ligi. F’dawn ic-cirkostanzi ebda kumpens ma hu dovut li jithallas. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ disghin Euro (€90.00). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman